**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kurt Zahra]**

**vs**

**Antonio Caruana**

**Kumpilazzjoni Numru: 226/16**

**Illum, 19 ta' Novembru, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Antonio Caruana detentur tal-karta tal-identita` numru 111480M akkuzat talli fix-xhur ta' qabel it-02 ta' Settembru 2011 minn gewwa residenza bl-isem Pezul Lodge, Triq il-Wardija, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom arlogg tal-idejn, liema serq huwa

kkwalifikat bil-persuna u bil-valur li jaqbez €2329.37 u sar ghad-detriment ta' Edward Cassar u/jew persuna/i ohra;

U aktar talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u li kkonferma tali ammissjoni wara li nghata zmien opportun sabiex jahsibha;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi r-rapport tal-ufficjal tal-Probation Dorian Cornelius li kien nominat minn din il-Qorti sabiex ihejji *Pre Sentencing Report* (Dok DC1);

Rat il-konkluzjonijiet tal-istess ufficcjal tal-Probation Dorian Cornelius fejn qal *inter alia* illi:

*"<u>Konkluzjonijiet</u>*

- ***Fatturi identifikati***

- *Antonio Caruana qed jigi akkuzat li fix-xhur ta' qabel it-2 ta' Settembru 2011, ikkommetta serq ta' diversi oggetti, liema serq hu kkwalifikat bil-persuna u bil-valur. Ghalkemm l-Ispettur ma setax jikkummenta minhabba li ma kienx hu li mexxa l-investigazzjoni, ta' min jghid li l-vittma tinsab fuq siggu bir-roti kif ukoll li kien jafu lil xulxin. Il-vittma taghti wkoll stampa li s-serqa li huwa safa kienet mahsuba sew mill-imputat. Mill-Fedina Penali jidher li l-imsemmi fetah kazijiet simili.*

- *Ta' min jinnota li matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport, meta l-imputat gie mistoqsi dwar affarijiet pozittivi fl-konfront tieghu, Antonio jaghti d-dettalji kif ukoll jghid li "jifakar kollox", izda meta jigi mistoqsi affarijiet li huma negattivi jew jahseb li jistghu jkunu ta' hsara, l-imputat ma jaghti l-ebda dettall fejn jghid li ma jiftakarx.*

- *L-imputat huwa l-izghar wild tal-familja Caruana u jirrakkonta diversi grajjiet trawmatici li l-familja ghaddiet minnhom, fosthom il-mewt ta' huh u s-separazzjoni minn ma' missieru. Fit-tnejn li huma ghalkemm jghid li hallew effett fuqu, huwa ma kienx kapaci jaghti dettalji jew inkella jghid li kien zghir biex jifhem sew is-sitwazzjoni. Madanakollu jidher li meta kien zghir, il-familja kienet maghquda fejn il-missier kien izomm id-dixxiplina waqt li l-omm kienet iktar tifhimhom.*

- *Jirrizulta li l-imsemmi kellu passat ta' abbuz tad-droga, b'mod specifiku d-droga kokaina. Skontu, huwa dahal f'dan il-vizzju minhabba l-kumpanija li kien jaghmilha maghhom. Minn informazzjoni migbura mill-imputat, jirrizulta li ghal xi zmien kien imur gewwa l-Agenzija Caritas b'mod voluntarju. Madanakollu, ta' min jghid li l-imsemmi qatt m'ghamel programm residenzjali minhabba li jghid li s-sessjonijiet mal-key-worker kienu bizzejjed sabiex jeghleb il-vizzju.*

- *Gewwa d-Dipartiment tal-Probation u l-Parole, ittiehodlu test tal-urina minghajr pre-avviz li rrizulta fin-negattiv ghas-sustanzi illeciti. Madanakollu minhabbba li Antonio Caruana naqas milli jattendi ghal diversi appuntamenti, kif ukoll ippospona diversi appuntament ohra, ma setghawx jigu mehuda testijiet ohra.*

- *Fil-prezent Antonio, jinsab ingaggat f'impjieg regolarizzat bhala xufier, fejn ilu f'dan l-impjieg mill-2016. Ta' min jghid li fil-passat huwa hadem f'diversi oqsma kif ukoll ghal xi zmien kien jahdem ghal rasu.*

  - ***Pjan ta' kura***

- *Ghalkemm fil-prezent Antonio Caruana jinsab ingaggat f'impjieg regolarizzat, ikun ahjar ghall-imputat li jkun assigurat li m'ghadux jabbuza mid-droga u dan minhabba l-fatt li ghalkemm hafna mid-drabi dejjem kellu impjieg, xorta kien idur ghal agir kriminali.*

***Rakkomandazzjoni***

*Wara li ttiehdu inkonsiderazzjoni l-akkuzi li bihom qed jigi akkuzat l-imputat, kif ukoll fid-dawl tal-informazzjoni migbura, qed jigi umilment issuggeriet lil din l-Onorabbli Qorti li Antonio Caruana jinghata sentenza ta' prigunerija sospiza fil-massimu taghha kif ukoll ikollu supervizjoni biex ikollu gwida fejn jidhol l-aspett tal-vizzjijiet."*

Illi ghal dawn il-motivi kollha din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha u ma taghtix cans lill-imputat sabiex jibni hajja decenti ' l boghod minn kull vizzju w'illegalita' u dan kif hareg car mir-rapport hawn fuq citat, u ghalhekk anke jekk l-imputat ghandu addebitat lilu l-aggravju tar-recidiva, din il-Qorti mhix ser taghti piena karcerarja izda piena intenzjonata ghar-riforma tal-imputat Antonio Caruana izda fil-massimu taghha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ssib lill-imputat Antonio Caruana hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih stante ammissjoni u a bazi tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4)

snin kif ukoll Ordni ta' Supervizjoni ghall-istess terminu taht l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ordni qed tigi annessa ma' din is-sentenza.

Finalment, il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------
**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**